**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 16 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 7**

**Avviz Nru: 1195/01 JB**

**Mario Valentino ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Valentino Bros**

**vs**

**Francis Camilleri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm545.67c (hames mija u hamsa u erbghin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu) rapprezentanti prezz t'injam mibjugh u kkonsenjat lil konvenut.

Minkejja li l-konvenut gie interpellat baqa inadempjenti.

Bl-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittra interpellatorja tat-3 t'Ottubru 2001, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni.

Ra li l- konvenut baqgha ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema lil Dr Patrick Valentino jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm545.67c (hames mija u hamsa u erbghin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu) rapprezentanti prezz t'injam mibjugh u kkonsenjat lil konvenut, bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**